# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 21 ta' Mejju, 2025

**RIK NRU : 7/2025 ISB**

**Fl-atti tar-Rikors tas-soċjeta' Skillpro Malta Ltd (C-78263) tal-5 ta' Mejju 2025 magħmula ai termini tal-Artikolu 42(2) tal-Kap 631 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att ta' Qabel l-Insolvenza.**

**Il-Qorti:**

**Rat** il-provvediment tagħha tas-26 ta' Frar 2025 fl-atti tar-Rikors tas-soċjeta' Skillpro Malta Ltd (C-78263) tad-29 ta' Jannar 2025 magħmula ai termini tal-Artikolu 9(1)(a) tal-Kap 631 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att ta' Qabel l-Insolvenza;

**Rat** ir-Rikors tal-5 ta' Mejju 2025, ppreżentat ai termini tal-Artikolu 42(2) tal-Kap 631;

**Rat** l-Artikolu 43 tal-Kap 631;

**Ikkunsidrat**:

Illi in kwantu illi l-prattikant fl-insolvenza Dr Jean-Pie Gauci Maistre pprovda lill-Qorti mhux biss esposizzjoni dettaljata u dokumentata ta' dak kollu minnhu mwettaq, imma wkoll espona fir-rikors tiegħu pass pass kif mexa u osserva l-provedimenti tal-liġi, il-Qorti ma tħossx in-neċessita' illi

żżomm udjenza sabiex tisma' lill-uffiċċjal tad-debitur jew kwalunkwe parti affetwata;

Illi jirriżulta wkoll illi huma sodisfatti l-kriterji kollha elenkati fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 43 tal-Kap 631;

Illi in vista tal-mod metikoluż illi bih jirriżulta illi wettaq id-dmirijiet tiegħu l-prattikant fl-insolvenza rikorrent, il-Qorti ma tarax illi hemm xi spjegazzjonijiet jew kjarifiki illi jinħtieġ illi titlob.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti qegħda tgħaddi biex tilqa' t-talba tal-istess Dr Jean Pie Gauci Maistre magħmula bir-rikors tiegħu tal-5 ta' Mejju 2025 u tgħaddi biex tapprova l-pjan ta' ristrutturar **SPL9**, sabiex b'hekk, ai termini tal-Artikolu 43(6) tal-Kap 631, dan il-pjan qed isir effettiv u vinkolanti għall-partijiet kollha għal finijiet u effetti kollha legali, b'effett immedjat.

Diġriet mogħti kameralment illum **l-Erbgħa 21 ta' Mejju 2025**.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |